



Brussell, 12 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9631/18

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0210 (COD)

PECHE 194
CADREFIN 68
CODEC 936

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 - Preżentazzjoni mill-Kummissjoni - Skambju ta' fehmiet

1. Wara l-Komunikazzjoni tagħha "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027"¹, fit-12 ta' Ġunju il-Kummissjoni adottat proposta dwar Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ġdid li mistenni jiġi ppubblikat fl-istess jum.
2. Skont il-Komunikazzjoni tal-QFM, il-FEMS ser ikompli jikkostitwixxi strument importanti biex jappoġġa l-implementazzjoni tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari, is-settur tas-sajd sostenibbli tal-UE u appoġġ għal komunitajiet kostali li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd. Barra minn hekk, ser ikompli jkun għoddha utli fil-promozzjoni tal-ekonomija blu fis-sajd u l-akkwakultura u b'hekk jappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg, filwaqt li jħares l-ambjent marittimu.

¹ Ara d-dokument 8353/18.

3. Qabel l-eżami tekniku ta' din l-inizjattiva leġislattiva mill-korpi preparatorji tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin, jidher xieraq li l-Kunsill ikollu skambju preliminari ta' fehmiet abbażi ta' preżentazzjoni tal-proposta mill-Kummissarju fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fit-18 ta' Ġunju 2018.
 4. Il-COREPER/Kunsill hu għaldaqstant mistieden biex jieħu nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u biex jagħti l-fehmiet tiegħu dwar din il-proposta.
-